# IL-PARRUKKIER

noti ta' WILLIE DEBONO
parrukkier, il-Gzira,
migbura minn Guzi Buontempo

Hinijiet: Dari il-parrukkier kien jiftah fis-6 am u jaghlaq fid-9 pm mit-Tnejn sal-Gimgha. Is-Sibt kien bla hin,ghax gie li kien idum sas-1 am, u il-Hadd gie li kien joqghod sas-6 pm. Dan kien fis-snin tletin, izda wara giet ligi fejn mit-Tnejn sal-Gimgha jiftah mis-7 am sas-7pm u Sibt sat-8pm, u l-Hadd sa nofsinhar. Wara spiccaw il-Hdud.

Prezzijiet: Ix-xaghar kien 4 soldi(xi 1c 7mils), u il-lehja 2d. Wara hafna, ix-xaghar sar 6d u il-lehja 4d. Min kien irid jabbona biex ihallas kull xhar kien jigih 2s6d fix-xhar, u kien jista' jaghmel il-lehja kuljum u qatgha xghar kull gimgha.(2s6d issa jiswew 12c5m) Wara l-gwerra bdew jitilghu il-prezzijiet, 1s6d, 2s6d, 3s, 5s, 8s, u llum 18anqas 10s(=50c), u hawn hafna li jiehdu 15s(=75c) u £1-10s(=£m1.50c)

Xfafar: Il-parrukkier kien isinn il-mus jew l-imqass fuq il-mejlaq, fuq il-gilda, u fuq il-ferla. Il-ferla hija bicca zokk ta' sigra`, li issa hadd m'ghadu juzha). Dawk li kienu jqaxxru l-lehja taghhom stess minghajr ma jmorru ghand il-parrukkier, meta l-mus ma jaqtghax aktar kienu jiehduh ghandu biex isinnhulom. Tal-hin jghidulu grazzi... Biex jissinnulu sewwa, il-parrukkier kien jghaddi l-imwies u l-imqassijiet lil - wiehed li jsinn. Fost dawn kienhemm wiehed minn Hal Qormi imlaqqam Il-Hoxx, u iehor Guze' Cicra, li kienu jigu jigbru l-imwies u l-imqassijiet biex isinnuhom, u jirritornawhom wara gimgha.

Ic-Caghqa: Aktar fl-antik, mata ghand il-parrukkier kien

imur xi wiehed naghlub hafna biex iqaxxar il-lehja, biex wiccu jitla' ftit, il-parrukkier kien ipoggilu caghqa go halqu li kienet tinzamm barra d-dras taht il-wicc, u b'hekk tmur il-hofra u t-tikmix, u l-lehja tinhadem ahjar.

Xoghol imhallat Il-barbier, f'Ghawdex, kien jaghmel ftit minn kollox,kien 'jack of all trades', fost affarijiet ohrajn kien ukoll jaghmel xi hjata. Sal-bidu ta' dan is-seklu, fl-irhula kienu wkoll mhux biss jaghmluha ta' hajjata, izda zi drabi wkoll jaqalghu xi darsa.

---

Nota ta' l-Editur Il-mejlaq kienet tkun xi gebla, aktarx bicca huffiefa, li kienu juzawha biex isinnu x-xafar. Kienet tintuza hafna wkoll, il-huffiefa, fid-djar biex inaddfu l-bramel u l-kzazel tal-metall, u ghadha kultant tintuza minn dawk li jaqtghu il-hgieg, biex jisolhu x-xifer tal-hgiega biex ma jaqtghax, l-aktar jekk ser ikun wigg ta' megda. Il-ferla hija haxixa li tikber fix-xaghri, mir-razza tal-busbies u tal-karrotti, tikber gholja xi metru u nofs, u taghmel fjuri rqaq li flimkien jiffurmaw qishom umbrelel sofor, l-aktar f'mejju. Taht il-hamrija bejn iz-zokk u l-gherq, huwa iebes hafna meta jinxef, ghalhekk tajjeb biex isinnu fuqu. Il-gilda li jsinnu fuqha, kienu jghidulha wkoll il-Kwejra jew Kwejru, gejja mit-taljan cuoio. Minbarra ic-caghqa li il-parrukkier kien ipoggi f'halq min imur ghall-lehja, gie li kienu juzaw ukoll xi gewza. Kien ikun hawn bhal skutella li fuq genb wiehed kien ikollha fejn tpoggi ic-caghqa jew gewza

-o0000000000000000o-